MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 409/2012

**Buz-Dov Developments Ltd (C25647)**
**u**
**Buz-Dov Quarries Ltd (C35031)**

**vs**

**A.G.H. Ltd (C49580)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjetajiet attrici li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 2012 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta prevja r-rexissjoni tal-kuntratt tat-tpartit illi sar fid-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) illi permezz tieghu s-socjeta' konvenuta awtorizzat lis-socjeta' attrici "Buz-Dov Developments Ltd" illi tiehu b'kemm jiswa ghoxrin elf Ewro (€20,000) f'materjal minghand is-socjeta' "JAJ Co. Ltd" (C 22257) in

kontrakambju ghall-fornituri ta' ammont ekwivalenti li kellhom isiru mis-socjeta' attrici "Buz-Dov Quarries Ltd" lis-socjeta' konvenuta stante illi tali fornituri qatt ma saru la mis-socjeta' konvenuta u l-anqas mis-socjeta' "JAJ Co. Ltd.", tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef, mija u tlettax-il Ewro (€7,113), valur ta' bricks illi gew ikkonsenjati mis-socjeta' attrici jew min minnhom lil terzi fuq indikazzjoni tas-socjeta' konvenuta u ghall-gwadann wahdani taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-bricks in kwistjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta AGH Ltd li giet prezentata fit-30 ta' Jannar 2013 fejn eccepiet:

1. *"Preliminarjament l-inkompetenza ratione valoris tal-azzjoni attrici.*
2. *Preliminarjament ukoll, l-inkompetenza ratione materiae tal-azzjoni attrici.*
3. *Perliminarjament ukoll, l-eccepjenti mhijiex legittima kontraditrici ghat-talbiet tas-socjeta' Buz-Dov Quarries Ltd billi hija ma ghandha ebda relazzjoni maghha.*
4. *Illi inoltre, l-eccepjenti mhijiex lanqas legittima kontraditrici ghat-talbiet tal-attrici Buz-Dov Developments Ltd billi d-debitur tal-istess socjeta' mhijiex l-eccipjenti imma s-socjeta' JAJ Company Limited.*
5. *Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda, billi mhux minnu li l-eccepjenti ghandha taghti lis-socjetajiet attrici.*
6. *Illi l-eccepjenti kienet ittrasferiet lill-attrici Buz-Dov Developments Limited kreditu, ossia jeddijiet ghall-provvista ta' concrete, li hija kellha kontra JAJ Company Limited. Dan in-negozju gie debitament mgharraf lill-istess debitrici JAJ Company Limited li minn naha taghha irrikonoxxidet lill-istess Buz-Dov Developments Limited bhala l-kreditur taghha.*
7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-nota tas-socjetajiet attrici pprezentata seduta stante nhar t-8 ta' Mejju 2013 b'diversi dokumenti annessi.

Semghet il-partijiet jittrattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2013 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjetajiet attrici nhar l-10 ta’ Mejju 2013 u d-digriet taghha tal-15 ta’ Mejju 2013 fejn laqghet it-talba sabiex l-istess rikors jigi inserit fl-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta illi dwarhom ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeciedi huma dwar *inkompetenza ratione valoris u* fit-tieni lok *I ratione materiae* tal-azzjoni attrici.

Illi fil-qosor is-socjetajiet attrici qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex prevja r-rexissjoni tal-kuntratt tat-tpartit illi sar fid-dsatax ta’ Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) illi permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta awtorizzat lis-socjeta’ attrici “Buz-Dov Developments Ltd” illi tiehu b’kemm jiswa ghoxrin elf Ewro (€20,000) f’materjal minghand is-socjeta’ “JAJ Co. Ltd” (C 22257) in kontrakambju ghall-fornituri ta’ ammont ekwivalenti li kellhom isiru mis-socjeta’ attrici “Buz-Dov Quarries Ltd” lis-socjeta’ konvenuta stante illi tali fornituri qatt ma saru la mis-socjeta’ konvenuta u l-anqas mis-socjeta’ “JAJ Co. Ltd.”, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ sebat elef u mija u tlettax-il Ewro (€7,113), valur ta’ bricks illi gew ikkonsenjati mis-socjeta’ attrici jew min minnhom lil terzi fuq indikazzjoni tas-socjeta’ konvenuta u ghall-gwadann wahdani taghha.

Il-konvenut min-naha l-ohra qed jghid, in linea preliminari, li din il-Qorti m’ghandhiex kompetenza li tisma’ din il-kawza peress illi primarjament trid tidhol u tindaga fil-ftehim li kien hemm, u jekk dan il-kuntratt, fejn l-valur tal-ftehim jeccedi l-kompetenza ta’ din il-Qorti peress li jitratta dwar ghoxrin elf ewro (€20,000), tikkundanna lis-socjeta’ konventua thallas lis-socjetajiet attrici is-somma mitluba ta’ sebat elef, mija u tlettax-il Ewro (€7,113).

Illi dwar il-kwistjoni ta' inkompetenza *rationae valoris* wiehed irid jirreferi ghall-**Artikolu 746 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u in partikolari ghall-kaz *de quo* wiehed jirreferi ghall-**Artikolu 748** li jiddisponi illi:

*"Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu, determinat mit-talba -*

a. *meta it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata;*
b. *meta it-talba hija ghal haga li l-valur taghha huwa determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew b'xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulhadd, jew bil-prezz korrenti."*

Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, is-sentenza "**<u>Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et"</u>** (A.C. 7 ta' Ottubru 1997) sostniet li bhala regola *"il-kompetenza tal-Qorti hija determinate fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".* (vide anke f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Prim' Awla fl-ismijiet '**<u>Woodline Ltd. vs Forsite Design & Project Management Services Ltd</u>.'**)

Illi ma' dan pero' irid jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-**Artikolu 753 (2)** li jiddisponi li "*meta it-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma <u>kollha</u>* (sottolinear ta' din il-Qorti) *tal-obbligazzjoni*".

Illi hekk fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine</u>**" (A.I. (J.S.P) 31 ta' Lulju 1996) gie deciz illi:

*"Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi ukoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista' jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro il-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-*

*obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512). Dan jista' jigri billi il-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika it-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi il-komptenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili il-komptenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat".*

Illi fil-fatt, fil-kaz in ezami, l-allegata obbligazzjoni tas-socjeta` konvenuta ma tistax tittiehed b'mod izolat u limitat ghall-bilanc li s-socjetajiet attrici qed jippretendu li verament ghandhom jiehdu minghandhom, u dan ghaliex wahdu dan m'ghandu l-ebda relevanza ghall-kwistjoni ta' kompetenza fuq il-principji fuq stabbiliti u affermati mill-gurisprudenza nostrana.

Illi fil-fatt apparti t-talba attrici, li minnha nnifisha hija fil-kompetenza ta' din il-Qorti, in vista tal-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, huwa car li wiehed ma jistax ihares biss lejn l-ammont li l-istess socjetajiet attrici qed jghidu li ghandhom jiehdu (ghaliex fil-fatt is-socjeta' konvenuta qed tichad din l-allegazzjoni), izda wkoll lejn il-fatt li l-ftehim ezistenti bejn il-kontendenti ghadu in vigore ghadu jorbot u ma giex rexiss, u ghalhekk huma l-istess eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li jiddeterminaw il-kompetenza tal-Qrati nostrana w ta' din il-Qorti in partikolari. Izda huwa car li bil-mod kif proposta l-istess eccezzjoni mill-istess socjeta` konvenuta, wiehed bilfors irid ihares fl-isfond tad-diversi nkontri bejnhom u bejn s-socjetajiet attrici u tal-konteggi bejniethom, u sabiex taghmel dan din il-Qorti trid tezamina l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, liema ftehim jirrigwarda valur ta'ghoxrin elf ewro (€20,000), liema valur jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti.

**Peress illi fil-fehma ta' din il-Qorti din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tintlaqa', din il-Qorti ser tieqaf hawn u mhix ser tesprimi ruhha dwar it-tieni eccezzjoni peress illi qed tiddikjara li hija inkompetenti '*ratione valoris*'.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------